**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Marzu 2024**

**Rikors Numru 100/2023**

**L-Avukat Siegfried Borg Cole**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentat minn **Dr. Siefried Borg Cole** fl-24 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi l-esponenti rċieva ittra minngħand l-Awtorita` intimata fejn ġie nfurmat illi nżammitlu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu minħabba li weħel ammont ta' penalty points illi jimmeritaw li tali liċenzja tinżamm;*

*Illi kopja ta' din l-ittra qed tiġi esebita bħala Dokument A;*

*Illi huwa ħass ruħhu aggravat mid-deċisjoni fuq imsemmija tal-11 ta' Awissu 2023 u qed jintavola appell;*

*Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*

*Illi aktar minn sena ilu l-esponenti ttrasferixxa l-karozza li ġġib n-numru ta' reġistrazzjoni BCC395 lill-ċertu Joseph Meli li miet ukoll aktar minn sena ilu u għalhekk ma laħħaqx jaffettwa t-transfer, kif jista jiġi aħjar ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża;*

*Illi nonostante li l-esponenti ffirma l-formula tat-transfer tal-karozza dina ma ġietx sottomessa mid-defunt qabel ma miet;*

*Illi, milli jidher, mal-mewt ta' Joe Meli għadda xi żmien li l-imsemmija karozza ma kelliex l-liċenzja rinovata, imputabbli primarjament għal mewt ta' sid l-karozza; għalhekk hemm repitizzjoni ta' kontravvenzjonijiet dwar li l-liċenzja mhiex mġedda;*

*Illi, apparti kollox, ne bis in idem, u multa waħda hija suffiċjenti;*

*Illi l-esponenti ġie nfurmat mil-familja tad-defunt li l-karozza, milli jidher, issa ġiet skrappjata u għlhekk l-problema tat-transfer ġiet resolta waħedha.*

*Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal jħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita tal-Artijiet fejn nżammitlu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu u li l-kontravennzjonijiet ma jiġux addebitati lill-esponenti għal skopijiet ta' liċenzja tas-sewqan.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ippreżentata fis-7 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi l-Awtorita' rispondenti qed teċċepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione materiae biex jisma' u jiddeċiedi l-każ odjern.*

   *Dan għaliex l-artikolu 5(2) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi".*

   *L-artikolu 40(1) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

   *(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'**deċiżjoni** tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtorizzazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza".*
   *Fil-każ odjern m'hemm ebda **deċiżjoni** magħmula mill-Awtorita' intimata iżda sempliċement ħruġ ta' avviż illi joħroġ awtomatikament mill-Awtorita' intimata li fost il-funzjonijiet regolatorji tagħha hemm il-liċenzja tas-sewqan ta' vetturi fit-toroq, appena din ġiet informata illi l-appellant laħaq 12-il punt penali.*
   *Dan il-fatt, u ċioe' l-ħruġ tal-avviż li jiskatta awtomatikament mill-provvedimenti tal-artikolu 36C tal-L.S. 65.18 b'mod awtomatiżżat u mingħajr ebda proċess deċiżjonali kwalsijasi, ċertament li ma jikkostitwix **deċiżjoni** għall-finijiet tas-suċitat artikolu 40(1)(a) tal-Kap. 499 u kwindi jeżorbita mill-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal ai termini tas-suċitat artikolu 5(2) tal-Kap. 490.*
2. *Illi f'dan ir-rigward l-Awtorita' rispondenti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-21 ta' Jannar, 2019 fil-proċeduri fl-ismijiet "Robert Cardona -vs- Awtorita' għat-Trasport f'Malta' (Rikors Nru. 91/2018) li fiha ġiet akkolta eċċezzjoni identika għal dik li qed tiġi sollevata fir-Risposta odjerna f'każ illi l-fattispeċje tiegħu huma prattikament identiċi għall-każ odjern.*

3. *Illi una volta illi r-rikorrent akkumula tnax-il punt penali, il-liġi tistipula illi* ***awtomatikament*** *u mingħajr il-ħtieġa ta' ebda* ***deċiżjoni*** *tiskatta s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan u għalhekk l-appell intavolat mir-rikorrent huwa kompletament infondat u bla ebda bażi legali u għalhekk għandu jiġi sommarjament miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2023 fejn it-Tribunal ordna li tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata;

Sema' lil Brian Farrugia;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għal sentenza dwar l-istess eċċezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'ittra tal-Awtorita` intimata datata 11 ta' Awwissu 2023 li permezz tagħha ġie infurmat li l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kienet ġiet revokata skont Regolament 36C tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 peress li kien akkumula tnax-il punt penali matul l-aħħar tnax-il xahar. Permezz tal-istess ittra, ir-rikorrent ġie ordnat jirritorna l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorita` intimata. Illi mal-istess ittra kien hemm mehmuża lista' ta' kontravvenzjonijiet u deċiżjonijiet li ngħataw u l-punti penali abbinati mal-istess deċiżjonijiet. Illi għalhekk ir-rikorrent intavola rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex "*iħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet*[1] *fejn nżammitlu l-liċenzja tas-sewqan tiegħu u li l-kontravennzjonijiet ma jiġux addebitati lill-esponenti għal skopijiet ta' liċenzja tas-sewqan.*"

Illi fir-rikors tiegħu ir-rikorrent jippremetti li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC395, għalkemm kienet reġistrata fuq ismu, kienet ġiet trasferita minnu lil ċertu Joseph Meli, liema persuna kienet mietet iktar minn sena qabel u għalhekk ma kienx laħaq għamel it-trasferiment.

Illi da parti tagħha l-Awtorita` intimata eċċepiet illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza *ratione materiae* jisma' u jiddeċiedi r-rikors odjern u dan għaliex ir-revoka tal-liċenzja mhix deċiżjoni tal-Awtorita` intimata iżda dak li rċieva r-rikorrent kien sempliċement avviż li joħroġ awtomatikament malli persuna tilħaq tnax-il punt penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Ir-rikorrent ipproduċa bħala xhud lil Brian Farrugia, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, li spjega li l-kontravvenzjonijiet tat-traffku jiġu deċiżi mill-Kummissarju tal-Ġustizzja fi Tribunal Reġjonali. Kompla jispjega illi l-punti jiġu mdaħħlin f'sistema mħaddma mil-LESA. Din is-sistema hija mibnija billi tiġġenera ittra awtomatika u l-uffiċjali tal-Awtorita` intimata kemm jipprintjaw l-ittra u tintbagħat lill-individwu konċernat. Spjega li din is-sistema ilha topera minn meta daħlu fis-seħħ l-imposizzjoni tal-punti ta' penali u li l-Awtorita` intimata qatt ma rrevokat xi punti ta' penali. Huwa kkonferma li l-Awtorita` intimata qatt ma użat xi

[1] Recte: Awtorita` għat-Trasport f'Malta

diskrezzjoni biex tirrevoka t-teħid ta' liċenzja għax il-persuna konċernata tkun laħqet it-tnax-il punt ta' penali, u dana peress li l-Awtorita` m'għandhiex tali diskrezzjoni. Ix-xhud kompla jispjega illi meta tiġi revokata liċenzja, il-persuna konċernata tista' tagħmel petizzjoni lil min impona l-punti ta' penali biex dawn jinħarġu. Fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk jeżistix xi mezz kif min għandu vettura reġistrata fuq ismu pero` tinstaq minn ħaddieħor, jeżonera ruħu mill-kontravvenzjonijiet li jsiru mis-sewwieq, ix-xhud wieġeb li teżisti dikjarazzjoni li tinstab fuq il-paġna elettroniku tal-LESA.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi skond Regolament 36C tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar Liċenzji għas-Sewqan Ta' Vetturi Bil-Mutur) *"Liċenza tas-sewqan sħiħa tiġi revokata jekk, fi kwalunkwe żmien matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, id-detentur tagħha jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar."*

Illi għalhekk minn qari ta' dan ir-Regolament u mix-xhieda ta' Brian Farrugia, jirriżulta illi l-Awtorita` intimata ma tieħu l-ebda deċiżjoni u m'għandha l-ebda diskrezzjoni meta jintlaħqu l-imsemmija tnax-il punt, u ċioe` jekk tirrevokax jew le tali liċenzja. Dak li jintbagħat lil detentur ta' liċenzja tas-sewqan ladarba jkollu tnax-il punt ta' penali huwa sempliċement avviż, ġenerat b'mod awtomatiku, li jinformah bi stat ta' fatt. Illi ladarba r-rikorrent instab ħati ta' numru ta' kontravvenzjonijiet u ġew imposti fuqu l-punti ta' penali, l-Awtorita` intimata ma kellha ebda diskrezzjoni ħlief li tipproċedi kif ipproċediet.

Illi għalkemm ai termini tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` Għat-Trasport f'Malta) jeżisti dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Awtorita` intimata, fil-fehma tat-Tribunal l-avviż mibgħut lir-rikorrent ma jinkwadrax ruħu bħala deċiżjoni li tista' tiġi appellata quddiem dan it-Tribunal. Illi l-kontravvenzjonijiet murija fuq l-anness tal-ittra li rċieva r-rikorrenti riedu jiġu appellati quddiem it-Tribunal Reġjonali, minn liema deċiżjonijiet jeżisti dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, jew addirittura ssir petizzjoni kif spjegat minn Brian Farrugia. It-Tribunal m'għandu ebda ħjiel jekk dan sarx jew le. Li hu ċert pero` huwa li l-Awtorita` intimata, ladarba ġew imposti l-punti ta' penali ma tistax terġa' tiftaħ il-proċess li sab lir-rikorrent ħati tal-istess kontravvenzjonijiet u teżerċita xi diskrezzjoni billi tirrevoka xi punti biex b'hekk ma tiġix revokata l-liċenzja tas-sewqan. Illi l-istadju fejn ir-rikorrent seta' jikkontesta l-istess kontravvenzjonijiet kien proprju kif ingħad iktar 'il fuq u mhux permezz ta' dawn il-proċeduri. Dana għaliex proċeduri quddiem dan it-Tribunal huma ntiżi li "jirrevedu deċiżjoni amministrattiva", u ċioe`, deċiżjoni li fiha tkun ġiet eżerċitata xi tip ta' diskrezzjoni. Il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija fil-fatt li jissindika dik id-diskrezzjoni u jara jekk kinitx waħda raġjonevoli u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Fil-każ odjern, ma ġiet eżerċitata ebda diskrezzjoni għaliex il-liġi proprju ma tħalli ebda diskrezzjoni fuq l-Awtorita` intimata. Għaldaqstant l-Awtorita` intimata għandha raġun fir-rigward tal-eċċezzjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-

Tribunal, proprju għaliex ma hemm ebda deċiżjoni li ttieħdet da parti tal-Awtorita` intimata li tista' tiġi b'xi mod riveduta minnu.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata u jiddikjara illi huwa mhuwiex kompetenti *ratione materiae* biex jieħu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors intavolat mir-rikorrent fl-24 ta' Awwissu 2023.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**